MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta ta' l-20 ta' Frar, 2012

Numru. 5/2012

**PULIZIJA**
**SPETTUR JOSEPH MERCIECA**
**VS**
**JOHN PAUL CESARE**
**JULIAN CHARLES CESARE**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat John Paul Cesare , ta’ 21 sena iben Julian u Maria Carmela nee’ Ghigo, mwieled Pieta, il-21 ta’Lulju,1990, u joqghod Flat 1, Blokk 4, Appartamenti tal-Karwija, Kirkop, u detentur tal-karta ta’ l-identita bin numru 347190(M);

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Charles Cesare , ta’ 24 sena iben Julian u Maria Carmela nee’ Ghigo, mwieled Pieta, il-21 ta’Lulju,1990, u joqghod Flat

1, Blokk 4, Appartamenti tal-Karwija, Kirkop,u detentur tal-karta ta' l-identita bin numru 293188(M).

Akkuzati talli:

Fl-24 ta'Dicembru 2011, ghal-habta tal-5.15a.m, fi Triq Guiseppe Garibaldi, Marsa, ikkommettew serq ta'diesel minn vettura, cioe' romblu tat-toroq tal-marka Hamm, minghajr numru tar-registrazzjoni, liema serq hu kkwalifikat bil-lok, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa, liema serq sar ghad-detriment tas-socjeta' Asfaltar Ltd. u / jew ta' persuna / i u/ jew xi entita' u / jew entitajiet ohra.

Akkuzati ukoll talli rrendew irwiehom recedivi ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta'Malta b'sentenzi definittivi moghtija mill-Qrati ta'Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti l-atti kollha tal-kaz;

Semghet l-ammisjoni ta'l-imputati;

Semghet il-konferma ta' l-ammisjoni ta' l-imputati wara li il-Qorti akkordat zmien ragenevoli ghall-ripensament;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkonsidrat:

Fuq l-istess amissjoni taghhom il-Qorti issib lill-imputati **John Paul Cesare** u **Julian Cesare** hatja skond l-akkuza u wara li rat l-Artikoli 261, 269, 270, 271, 281, 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta , Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta'Malta tqieghed lill-imputati **John Paul Cesare** u **Julian Cesare taht Ordni ta' Probation ghall-perjodu ta' sentejn (2),** taht is-sorveljanza tad-Direttur tal-*Probation Services* jew *Probation Officer* iehor minnu nominat.

Il-Qorti tordna lill-*Probation Officers* nominati jipprezentaw rapport tal-progress o meno tal-imputati kull erba’ xhur.

Din il-piena qedgha tigi akkordata wara li il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammisjoni bikrija ta’ l-imputati , l-eta govanili taghhom, u il-Fedina Penali tal-istess.

Il-Qorti tordna illi kopja ta’ din is-sentenza tigi komunikata lid-Direttur tal-*Probation Services*.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------